KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 43** **Erbgħa 23 ta' Frar 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fil-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech - Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Romilda B. Zarb – Sindku
Rachel Abela - Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Il-Viċi Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Sindku B. Zarb u tal-Kunsilliera R. Abela, Camilleri, Deguara, Micallef.

Il-Kunsillier Cassar nforma lil-membri preżenti, li l-Kunsill dejjem skuża lil-min kien xogħol, marid, msiefer, jew sitwazzjoni familjari, u għalhekk personalment persuni fuq xogħol politiku bħal Kunsilliera Camilleri u R. Abela għandhom jkunu skużati, imma ma jħossx li għandu jiskuża min jkun assenti minħabba kandidatura politika.

Il-Kunsillier Zerafa nforma li din il-laqgħa mbiddlet il-ġurnata minħabba s-Sindku għax ma setgħetx, u saret illum l-Erbgħa u mhux it-Tlieta kif dejjem sar, għax l-Kunsillier Deguara seta' jiġi kieku l-laqgħa saret il-bieraħ.

Il-Kunsillier Cassar nforma lil-membri preżenti li l-Kunsill jista' jiddeċiedi mod ieħor, u mhux qed jgħid li s-Sindku m'għandiex tkun skużata, però hu personali ma jħossux komdu, għax b'hekk qed inġiebu l-kampanja elettorali qabel il-Kunsill.

Il-membri preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 42**

**REF: 37.4.12 Triq il-Kbira (Main Street)**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-DLG approva d-*direct orders* biex jsiru l-bankina u l-kurduna.

Il-Viċi Sindku nforma li flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa ma Infrastructure Malta, anke minħabba l-*concerns* li għandhom il-knisja minħabba l-Ġimgħa l-Kbira. Il-Viċi ta' spjegazzjoni ta' kif ħa jimxi t-traffiku u saret diskussjoni kif ser jkun għaddej it-traffiku u t-toroq li huma magħluqin sakemm jitlestew ix-xogħolijiet. Il-membri preżenti approvaw biex il-Viċi jkun jista' jikkomunika lura mal-Perit ta' Infrastructure Malta (IM) bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Viċi nforma li bħala *update* min naħa ta' IM x'ħin jaslu bix-xogħolijiet sa triq 11 t'April, ser jagħlqu t-trinek bil-konkos, biex jkun fi stat tajjeb meta tgħaddi l-purċissjoni. Il-Kunsillier Cassar ġibet l-attenzjoni lil-Viċi biex jinforma lil IM biex ma jħallux tappiera l-fuq, waqt li tkun għaddejja l-purċissjoni. Il-Viċi ħa nota u nforma li enfasizzaw ma IM biex ma jkunx hemm pjanċi. Il-Viċi kompla jgħid li IM nformaw wkoll li bħala *storm water culverts* ser jaħdmu billi jidħlu fil-ġiebja u jerġgħu joħorġu u ser jippreparaw *storm water culvert* biex tkun preparata għal meta ssir triq Kungress Ewkaristiku.

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tal-Melita ġew biex jassetjaw it-telefon *sets*, u fadal ftit affarijiet tekniċi oħrajn, imma mixjin biex jkollna s-sistema l-ġdida. Malli jkun kollox lest is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li imbagħad tibgħat tinforma bil-linji ta' numri ġodda, biex wkoll ninfurmaw lil-pubbliku.

**REF: 42.3.10 Kommunikazzjoni- Tender Documents Mosta Public Convenience**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti jekk għandhomx xi kummenti dwar l-ispjegazzjoni li kien ta' l-Perit tal-Kunsill.

Il-membri preżenti qablu fuq dawn il-punti;

- Il-Perit jmexxi b'pavimentar *hardstone,* biex nikkumplimentaw mal-pavimentar ta' triq il-Kbira.
- Nipproċedu b'applikazzjoni għal emenda żgħira u kwalunkwe tibdil żgħir ieħor wara l-ħruġ tal-permess;
- *Canopy* għandu jitwaqqaf, sakemm tkun tista' tiġi sottomessa applikazzjoni għal żvilupp sħiħ;
- awto-tindif għanda tkun l-għażla preferuta, għalhekk it-tender ma jistax jkun fuq *cheapest compliant,* biex jkollna wkoll sottomissjonijiet fuq *toilets* li ma jkunux b'sistema ta' awto-tindif.

- Il-Kunsill talab biex bħala speċifikazzjonijiet u letteratura jiġborhom il-Perit tal-Kunsill bl-għażla *hardstone (non-slip)*, u bħali rati jista' jimxi mar-rati li l-Kunsill diġà provda, peress li m'għandhiex dokumentazzjoni b'rati u/jew offerti mingħand fornituri oħra.

- Dwar l-approvazzjoni tal-*canopy,* is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċirkola d-disinn mal-Kunsilliera għal-kummenti tagħhom.

- Il-Perit Daniel kellu jikkonferma mal-Perit Etienne jekk fuq il-kunċett tas-*self cleaning toilets* aħniex marbutin mal-baġit €250,000 / €270,000.

**REF: 37.4.4 Magazine tal-Kunsill**
Il-*magazine* ġie mqassam u l-Viċi Sindku nforma li tajjeb li jinħareġ b'mod diġitali wkoll.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Il-Viċi Sindku nforma li jekk il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni nerġgħu noħorġu *works order* biex jerġgħu jsiru t-testijiet fis-saqaf. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jaqbilx li l-Kunsill jaċċetta t-talba tal-PAMA, għax fl-2020 il-Kunsill ipprovda test li sar fis-saqaf mitlub mil-perit tal-PAMA, u l-Kunsill ġie injorat, u għalhekk issa qed jippretendi li nerġgħu nagħmlu test ieħor?
Il-Viċi nforma li skont l-aħħar email mil-PAMA qed jitfa r-responsabiltà fuq il-Kunsill jekk nkomplu bix-xogħolijiet, għax talbu li jispezzjonaw is-saqaf min taħt.

Saret diskussjoni, u l-Viċi qara l-aħħar email li bagħtu l-PAMA fejn x'taqu li jinbena saqaf ieħor bħala *support* fuq is-saqaf tal-ġibjun, fejn il-Viċi żied jgħid li jsirx test ieħor jew le mhux ħa tagħmel differenza, għax diġà kkundannaw is-saqaf tal-ġibjun, għax fl-email jingħad wkoll li bit-testijiet anke jekk jkunu pożittivi mhux biżżejjed biex il-perit tal-PAMA jserraħ rasu.

Kompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti qablu li ssir laqgħa oħra mal-PAMA, flimkien mal-Viċi Sindku, Sindku, l-Kunsillier Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv.

**REF: 37.4.9 Outdoor Gym**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li trid issir laqgħa mal kap tal-kulleġġ s-Sur Decelis biex niftehmu l-ħinijiet tal-ftuħ ma l-iskola u tiċċekkja jekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-MCCAA humiex biex l-*outdoor gym* għandux jingħalaq jew jibqa' miftuħ.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Il-Viċi Sindku nforma li Infrastructure Malta (IM) bagħtu l-pjanta, fejn triq Durumblat sa l-ewwel ġimgħa ta' Marzu ħa tkun lesta bit-tarmak u bankini bdew wkoll. Il-Viċi talab approvazzjoni tal-Kunsill biex tinħareġ *works order* biex fejn il-kappella tal-Kunċizzjoni, iz-zuntier fuq wara jsir bil-qawwi. Il-Viċi Sindku nforma li hemm madwar 50 metru kwadru.

Il-membri preżenti talbu lil-Viċi Sindku biex jġib kwotazzjoni, u nmexxu b'approvazzjoni mid-DLG kif sar fuq il-bankina ta' triq il-Kbira, sakemm il-kwotazzjoni ma tkunx anqas min €5,000.

Il-Viċi Sindku nforma lil membri preżenti li ser jdaħħal l-applikazzjoni għal-*roundabout* Triq Durumblat ma Triq il-Mitħna, liema pjanta ħa tinkludi wkoll l-parkeġġ fejn ser jsir l-esproprjazzjoni.

Il-Viċi Sindku nforma li l-ħajt tas-sejjieħ li sar hemm bżonn jersaq lura, minħabba l-*alignment* tal-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex naraw l-għalqa ta' min hi.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report u Miżura 4.3 EAFRD**
Il-Viċi Sindku nforma li għad ma rċevejniex ir-rapport tal-*bridge* mil-Inġinier u għalhekk ser jibgħatlu biex jfakkru.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bħala Miżura 4.3 ma nistgħux napplikaw għal-pont tal-Bidnija u dwar triq il-Ħarruba, s-sidien ta' l-għelieqi rrifjutaw li din it-triq tingħata it-tarmak. Għalhekk l-applikazzjoni ħa tkun biss għat-trejqa li qegħda parallela ma triq San Pawl tal-Qiegħa li fil-verità jisimha Wied il-Qlejja.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Dawl tal-Pont**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li trid titkellem ma l-inġiniera Galea Curmi fuq lis-*specifications* tat-tender għal l-*illuminated bollards.*

**REF: 40.3.2 Kommunikazzjoni - Bring-In-Sites**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil ERA dwar iz-zona magħżula mil-Kunsill, u kienet qed tistenna konferma mingħand is-Sindku biex tindika il-postijiet eżatt. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat email lil-Kunsilliera kollha biex jagħtu s-suġġerimenti tagħhom, bħala indikazzjoni tal-post.

**REF: 40.3.10 Kommunikazzjoni – Bandli Żokkrija Trenching**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li *trenching works* suppost lesti kif wkoll il-wiring. Infurmat wkoll li Fondazzjoni Turiżmu ħa jibgħatu ħaddiema biex jagħmlu xogħolijiet ta' żebgħa u tikħil. Il-Kunsill kemm jipprovdi l-materjal.

**REF: 40.4.14 – Proġetti Parkour**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fadal xi *wiring* ta' dawl, u żebgħa, u qed nistennew data mil-Ministeru, biex jiġi ppjanat il-ftuħ.

**REF: 40.5.1 Mosta Community Park fi Triq il-Mitħna**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li dan il-*park* issa ser jissemma għat-tabib Victor Calvagna, u għalhekk fl-opinjoni tiegħu ma tagħmilx sens li nibdlu isem tat-triq biex t'issemma għat-tabib Victor Calvagna. Saret diskussjoni li wieħed jista' jsemmi ġnien u triq għal-istess persuna.

**REF: 40.3.8 Kommunikazzjoni – Applikazzjoni biex jinħareġ permess għal impjieg skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat u qrat li rċevejna ċirkulari numru 3/2022, fejn ġejna nfurmati sakemm jinħatar kabinett ġdid wara l-elezzjoni, ma jistax jkun hemm proċess ta' mpjieg, reklutaġġ u promozzjonijiet ta' staff u mpjegati.

Fuq skala 16, wara li kellna riżenja oħra, bagħtna l-applikazzjoni lid-DLG u Jobsplus sabiex jinħareġ permess ieħor addizzjonali. Għal impjieg ta' żewġ *staff* bqajna li kellna nirċievu l-lista *part* 1. Dan il-proċess issa ser jitkompla wara l-elezzjoni.

**REF: 40.5.3 - Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat u qrat li rċevejna ċirkulari numru 3/2022, fejn ġejna nfurmati sakemm jinħatar kabinett ġdid wara l-elezzjoni, ma jistax jkun hemm proċess ta' mpjieg, reklutaġġ u promozzjonijiet ta' staff u mpjegati.

Fuq skala 13, rċevejna applikazzjoni waħda mil-lista *part* 1, u ntalbet biex tintbagħat il-lista *part* 2, ħalli jsiru l-*interviews* f'daqqa, imma t-tieni lista bqajna ma rċevejna xejn sad-data li waslet iċ-ċirkulari. Dan il-proċess issa ser jitkompla wara l-elezzjoni.

**REF:42.3.1 – Kommunikazzjoni – PA 2159/19 Targa Battery, Tat-Targa Off, Triq il-Bidnija, Mosta**
Il-Kunsillier Cassar nforma li fl-aħħar laqgħa ħa żball u l-*lease agreement* bejn il-Lands u l-Kunsill huwa ta' ħmistax il-sena u mhux għaxar snin, u għalhekk fadal ħames snin oħra.

Il-Kunsillier nforma li nbiddlu xi *stakeholders* li kienu firmatarji, u għalhekk l-*agreement* jrid jiġi *updated.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**REF: 42.3.3 – Kommunikazzjoni – Talbiet biex jissemmew toroq għal Dr Calvagna u Mons. Joe Carabott.**
Fl-aħħar laqgħa ġie deċiż li triq Stivala tinbidel u t'issemma għal Mons. Joe Carabott, kif wkoll biex triq Bufula l-Ħamra tinbidel wkoll u t'issemma triq it-Tabib Victor Calvagna.

Saret diskussjoni fuq dawn it-toroq dwar il-bdil ta' isem, u l-fatt li wieħed jrid jerġa jibdel l-karta ta' l-identità, fejn qed jsir aktar min-bidla waħda fl-istess triq għax din hija inkonvenjenza bla bżonn.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna email li lis-*street naming committee* huwa wieqaf mil-proċess t'applikazzjonijiet, u jerġa jibda wara l-elezzjoni.

Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti qablu li la lis-*street naming committee* huwa wieqaf, il-membri jistgħu jaħsbu fuq toroq alternattivi biex din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**REF: 42.3.7 Kommunikazzjoni- Skema Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din għanda s'April biex napplikaw, u qed naħdmu biex nġiebu kwotazzjonijiet u ħriġna *works order* biex il-Perit jagħmel CAD (*computer-aided design) plan.*

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex meta jsir *playing equipment* ġdid dan għandu jkun sod biżżejjed li jiflaħ adult, għal meta jitilgħu tfal żgħar li jkollhom bżonn assistenza min adult.

**REF: 42.4.2 – Targa Gap**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk kienx hemm xi *updates.* Il-Viċi Sindku nforma li jridu jiltaqgħu dwar it-tibdiliet.

**REF: 42.4.3 – Qalbiena Mostin**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk kienx hemm xi *updates.* Il-Viċi nforma li tkellmu mas-Sur Noel biex tkun implimentata l-*junction*, però għandhom ħafna xogħol ta' *road markings* b'lura.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 42.

**43.3 Kommunikazzjoni u Korrispondenza mil Viċi Sindku.**

**43.3.1 – Kommunikazzjoni – Change of street name**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li waslet talba mil-familja Grima biex t'issemma triq għan-nannu tagħhom, il-mibki is-Sur John Mary Grima li kien fundatur ta' Ventur Auto Parts.
Il-membri preżenti qablu biex din tgħaddi għand it-*traffic managment committee.*

**43.3.2 – Kommunikazzjoni – Expression of Interest: Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits**

Is-Segretarju Eżekuttiv nformat lil membri preżenti li rċevejna Ċirkulari MFER/51/2021 *Expression of Interest-Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits.* Rċevejna din l-email fit-2 ta' Frar, fejn ġejna mitluba li rridu nirrispondu sal-11 ta' Frar.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sur Farrugia mil Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ma setgħetx tirrispondi sal-11 ta' Frar, peress li din il-materja trid tgħaddi waqt laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni biex napplikaw għal Ġonna Reggie Cilia, Blata l-Għolja, Santa Margerita u 15 t'Ottubru.

Il-Membri preżenti approvaw biex napplikaw għal-ġonna li ġew proposti.

**43.3.3 Kommunikazzjoni-SPI.SCI.2.2022-Community Inclusive Employment Scheme 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li applikajna biex jkollna *office assistant helper* taħt l-iskema ta' CIES biex tkun tista' tassisti f'xogħolijiet meħtieġa fl-uffiċju tal-kunsill.

Il-Membri preżenti approvaw l-applikazzjoni.

**43.3.4 Kommunikazzjoni- Quotation for Hard stone kerb**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni għal-*direct order* ta' €81,193.42 eskluż VAT, biex ssir il-bankina tal-qawwi fi triq il-Kbira għaddiet lid-DLG, u kienet ġiet approvata.
Dwar il-kurduna tal-qawwi wara li l-Viċi Sindku ipprovda il-kwotazzjoni din ntbagħtet lid-DLG u ġiet approvata wkoll.
L-ammont għal-kurduna tal-qawwi huwa ta' €39,237.50 eskluż VAT.

Il-Membri preżenti approvaw wkoll it-tieni l-kwotazzjoni għal-kurduna tal-qawwi.

**43.3.5 Kommunikazzjoni- Proposta biex Sqaq Grech Mifsud jiġi sqaq pedonali**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-proposta li rċevejna biex Sqaq Grech Mifsud jiġi sqaq pedonali.
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li din it-talba kienet diġà ressqet ilu ħafna waqt laqgħa tal-Kunsill.

Il-Viċi nforma li jixraq li dan l-isqaq jsir tal-qawwi, u ser jġib kwotazzjoni jekk il-membri preżenti jaqblu. Il-Kunsillier Cassar nforma li jaqbel imma hemm toroq oħrajn li ilhom biex jsiru, bħal Dun Mikiel Xerri, Charles J. Vassallo, Xorxa, San Anton Abbati u Ġnejna.

Il-Viċi Sindku nforma li sqaq San Anton Abbati, ltaqgħu mal-kuntrattur tal-Kunsill biex jibdew ix-xogħolijiet, imma ħa jerġa japplika l-Perit għax il-permess laħaq skada. Dwar Xorxa għandu jagħmel *update* tal-BOQ mil-Perit tal-Kunsill. Dwar Charles J. Vassallo, il-Viċi staqsa jekk din kienitx *on-hold,* u l-Kunsillier Cassar nforma li iva, imma l-iżvilupp li kellu jsir issa lest,

Dun Mikiel Xerri m'hemm xejn u Ġnejna għada *on-hold.* Il-Viċi nforma li jekk Ġnejna ssir min Infrastructure Malta kemm tiġi approvata l-kwotazzjoni.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hux ħa ssir pjazza San Anard, u l-Viċi nforma li le għax jekk fil-futur ser jkun hemm il-proġett tal-parkeġġ, jissuġġerixxi li pjazza San Anard tkun pedonali, għax kif inhi s-sitwazzjoni llum ma tistax tneħħi parkeġġ, sakemm jsir il-proġett tal-parkeġġ.

Il-Membri preżenti approvaw li dan l-isqaq jsir b'tal qawwi, u tiġi provduta kwotazzjoni, kif wkoll li niktbu lura lis-soċjetà Nicolo Isouard li l-Kunsill qabel li Sqaq Grech Mifsud jiġi pedonali, u li l-Kunsill qed jikkunsidra wkoll li l-isqaq jkun pavimentat.

**43.3.6 Kommunikazzjoni- Local Council Urban Greening Scheme 2022**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser napplikaw għal *green wall,* il-ħajt fi Vjal Ragusa li jagħti għal quddiem il-pont. Il-Kunsillier Cassar talab biex napplikaw wkoll għal-ħajt tal-Outdoor Gym.

Il-Membri preżenti approvaw il-ħajt ta' Vjal Ragusa u l-ħajt ta' l-Outdoor Gym.

**43.3.7 Kommunikazzjoni- Ħinijiet Outdoor Gym**
Il-Viċi Sindku ippropona li l-Outdoor Gym jkun miftuħ 24 x 7, wara l-ħin ta' l-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tiċċekkja ir-rapport tal-MCCAA dwar għeluq/ftuħ tal-*playgrounds*.

**43.3.8 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa u triq tal-Pont**
Il-Viċi Sindku nforma li tkellmu ma Infrastructure Malta (IM) dwar Vjal Ragusa u triq tal-Pont, u talbu lil-Kunsill biex jagħtu ideat ta' kif il-Kunsill jixtieq il-pont jkun iddiżinjat, għax IM ser jagħmlu t-toroq min triq Difiża Ċivili sar-*roundabout*, u jibqgħu deħlin sa triq il-Fortizza fejn hemm is-suldati u fuq il-pont.

Il-Viċi Sindku talab lil membri preżenti jekk għandhomx xi suġġerimenti, fejn bħala idea hu issuġġerixxa fejn hemm il-ħadid jsiru *pots* biex jiġi tip ta' *green wall* u jitatta l-ħadid.

Il-Kunsillier Farrugia nforma li jista' jagħti lok li wieħed jitla fuq il-*pot* u mal-*green wall* u jkun hemm aċċident, waqt li l-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-Kunsill dak iż-żmien ma ridx li jkun hemm *obstruction* tal-veduta u kienet issuġġeriet li jsir xi tip ta' perspex fejn jkun hemm *frame* b'fetħa għal meta jkun hemm bżonn jsir l-*abseiling*, imma dak iż-żmien ma kienx hemm fondi biżżejjed biex jsir. Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid li meta jkun hemm bżonn li ssir kampanja dwar *mental health awareness / suicide awareness,* hemm hafna affarijiet li wieħed jista' jagħmel li kieku flok il-ħadid jkun hemm perspex.
Il-Viċi Sindku nforma li dan mhux xogħol ta' IM, għax huma li ser jagħmlu huma bankini, triq u/jew *landscaping.*
Saret diskussjoni u l-Kunsill Cassar nforma li l-ewwel idea li kien hemm kienet li jsir ħġieġ bħalma hemm fuq il-*flyover* tal-Kappara, però din kienet ser tiswa ħafna flus, imma l-idea li dak iż-żmien kien resaq bija l-Kunsill, kienet biex ssir *fence* tal-ħadid l-isfel miċ-ċint man-naħa tal-wied.

Dwar ir-*roundabout* f'nofs triq il-Fortizza il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li jitneħħa l-arblu min-nofs u jsir monument. Il-Viċi Sindku nforma li r-*roundabout* ħa tiġi *embellished* u ħa jinforma lil IM dwar l-arblu.

Tkompliet id-diskussjoni dwar ir-*roundabout* u biex il-pont ma jibqax mudlam. Il-Viċi Sindku nforma li ħa jressaq is-suġġerimenti lil IM u l-Kunsill jerġa jiddiskuti fuq il-punti li ġew mressqin.

Il-Viċi Sindku nforma li għat-tieni fażi, IM staqsew liema toroq il-Kunsill jixtieq li jsiru, u ġew ssuġġeriti triq ir-Rebbiegħa inkluż *storm water culvert,* triq id-9 t'April inkluż *storm water culvert,* u kif jitlestew ix-xogħolijiet ssir triq il-Kostituzzjoni, kif wkoll triq is-Sgħajtar.
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li hemm bżonn issir triq il-Lunzjata, fejn il-Viċi nforma li din ser jagħmluha, u nforma li meta ssir din it-triq irridu nsibu post alternattiv għal-monti, u għalhekk IM qed jistennew *feedback* mil-Kunsill.

Il-Membri preżenti unanimament qablu biex jsiru triq ir-Rebbiegħa triq id-9 t'April u triq is-Sgħajtar.

**43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**43.4.1 – Triq il-Ħaġar**

Il-Kunsillier Zerafa nforma li fi triq il-Ħaġar xi residenti nfurmaw li dawl fi-djar tagħhom kultant jitbaxxa u/jew jinqata. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk hux dawl tat-triq jew tad-djar tar-residenti u l-Kunsillier Zerafa nforma li tad-djar. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsill mad-dawl tat-toroq għandu x'jaqsam, u dawn ir-residenti għandhom jirrapportaw jressqu l-ilment tagħhom ma l-ARMS.

**43.4.2 – Fondi għal-Animal Welfare**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-Kunsill kien joħroġ 2,000 Ewro kull meta jkun hemm skema ta' fondi, u għalhekk issa li m'hemmx skemi talbet approvazzjoni biex il-Kunsill jibqa' joħroġ fond ta' 2,000 Ewro fis-sena, biex l-isteward ta' l-*annimal welfare* tkun tista' tkompli b'xogħolha fejn jidħol *neutering,* mediċini eċċ.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li diġà konfermat ma l-*accountant* tal-Kunsill, li dawn il-fondi jistgħu jiġu *budgeted.*
Il-Membri preżenti unanimament qablu li jiġu *budgeted* 2,000 Ewro fis-sena.

**43.4.3 – Tabelli fil-Wied**

Il-Kunsillier Gatt propona biex jsiru tabelli fil-wied biex ma jinżlux muturi *offroading* skond il-leġiżlazzjoni sussidjarja 552.02. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**43.4.4 – Wiedien Chadwick Lakes u San Pawl tal-Qliegħa.**

Il-Kunsillier Gatt nforma li l-widien ta' Chadwick Lakes u San Pawl tal-Qliegħa, tnaddfu mil-Gvern ċentrali, u min taħt il-Fortizza sa Burmarrad qed jsir. Għalhekk staqsa jekk il-parti tan-nofs tal-wied tal-Mosta, jiġifieri wied il-Għasel hux ser jitnaddaf wkoll. Il-Viċi Sindku nforma li ser jistaqsi lil-Ministru.

Il-Viċi Sindku nforma li talab lil-Ministru Dalli responsabbli mil-*parks,* biex forsi jsiru *woodland walks* fil-widien kif wkoll fejn hemm qasab mhux aċċessibbli biex jkun hemm rotot fejn wieħed jista' jimxi.

**43.4.5 – Bollards fi triq il-Paroċċa u triq Kurat Schembri**

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk hux ser jsiru l-*bollards* fi triq il-Parroċċa u trqi Kurat Schembri. Il-Viċi nforma li ħa tinħareġ *works order.*

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet dwar il-*bollards* jew linji sofor li ġew mitluba min resident li qed jkollu problema biex jidħol/joħroġ mil-garaxx għax qed jipparkjaw il-vetturi mal-faċċata. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li xi darba din it-triq kellha tkun pedonali biex ma jidħlux vetturi, u għalhekk ma taqbilx li fuq il-pavimentata jiġu miżbugħin *double yellow lines,* u nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv kienet nfurmat li permess biex din it-triq tkun pedonali qatt ma kienet approvata min Transport Malta.

Il-Viċi Sindku nforma li applikajna u qed nistennew mil-Perit Conti, għax rigward il-*bollards* ta' triq Kurat Schembri ġiet approvata biex tingħalaq, u l-*bollards* ta' mal-bibien għad hemm *issue.* Fadal li tiġi kkonfermata l-pjanta u toħroġ *works order* biex jiġu ordnati l-*bollards.*

Il-Viċi nforma, li fi triq il-Parroċċa hemm bosta madum qed jinqala u jiċċaqlaq, u hemm xi madum nieqes wkoll, għalhekk ltaqgħu mal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill biex ssir kwotazzjoni, biex jinqala l-madum fejn qed jiċċaqlaq, ssir sodda tal-konkos u biex jinxtara l-madum li hemm nieqes.

Il-membri preżenti approvaw biex jsiru x-xogħolijiet tal-madum, kif wkoll biex jiġu nklużi fil-pjanta *bollards* mal-ħajt tal-faċċata tal-garaxxijiet fi triq il-Lunzjata, biex jitneħħa l-inkonvenjent li qed jkollhom sidien tal-garaxxijiet.

**43.4.6 – Mosta Football Club**

Il-Kunsillier Farrugia nforma li hemm kaxxa safra fi triq Bufula l-Ħamra, biex tidħol u toħroġ l-ambulanza meta jkun hemm il-logħob, u din qed tkun meħuda bħala parkeġġ min vetturi oħrajn.

Il-membri preżenti unanimament qablu li flok il-kaxxa safra jsir *double yellow line*, u l-Kunsill jagħti permess lil-Mosta Football club biex jagħmlu *bollard* bil-katnazz.

**43.4.7 – Żebgħa ta' l-art triq Kostituzzjoni**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li fi triq Kostituzzjoni hemm bżonn li jinżebgħu, għax wara li għamlu x-xogħolijiet ta' l-EPIC telaq kollox. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet biex tinforma lil EPIC.

**43.4.8 – Loading/Unloading**

Il-Kunsillier Zerafa nforma li xi darba kellha tersaq il-*loading/unloading bay* li hemm triq il-Kostituzzjoni quddiem dar privata. Din trid tersaq u tiġi jew quddiem il-ħwienet Okaidi jew Kyzims.

**43.4.9 – Kuntrattur Elles Urban Services**

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Kunsilliera ġew nfurmati li l-Viċi u s-Sindku ltaqaw mal-kuntrattur tal-Kunsill l-Elles u xi ħaddiema u/jew kuntrattur li qiegħed jaħdem ma l-Elles. Għalhekk staqsa jekk dan huwiex kuntrattur ġdid u jekk il-kuntratt jippermettix li jsir dan, jekk qed jsir xi forma ta' *sub-contracting*.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li aħna l-*works orders* ngħadduhom lil-kuntrattur tal-Kunsill, u għalina irrelevanti ma min qed jkun jagħmel ix-xogħol. Aħna l-obbligu tagħna huwa li l-*works orders* joħorġu fuq il-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku nforma li fl-ebda ħin l-Elles nforma li qed jagħmel *sub-contracting.*

Il-Kunsillier Cassar staqsa liema xogħol ħa jkun qed jkompli jagħmel l-Elles, u l-Viċi nforma triq San Anton Abbati sqaq numru 3, sqaq Xorxa u l-paviment ta' triq il-Parroċċa. Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar triq Dun Mikiel Xerri u Charles J. Vassallo għaliex għadhom ma bdewx? Il-Viċi nforma li ħa jiċċekkja fuqhom, biex fil-kas nkomplu lilhom wara.

Il-Kunsillier Cassar staqsa wkoll dwar sqaq Bufula l-Ħamra li kellha ssir bil-*concrete imprint,* biex il-Kunsill jkollu *update.*

**43.5 Rapporti**

**43.5.1 Update - Development Funds as at 23.2.2022**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**43.5.5 Re-Issuing of Tender - KLMT 01-2022 - Provision for a Services of a Maintenance Hand / Messenger for the Mosta Local Council**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed jinħadem it-tender ta' Provision for a Services of a Maintenance Hand / Messenger, u kif jkun lest id-*draft* jiġi mibgħut lil-Kunsilliera għal-kummenti tagħħom.

**43.5.6 New Tender – KLMT 02-2022- Provision of Security Services**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nħadem it-tender ta' Provision of Security Services, u ntbagħat l-ewwel draft lil-Kunsilliera għal-kummenti tagħhom. *Feedback* wasal biss mil-Kunsillier Cassar u fakkret lil-membri preżenti biex jibgħatu l-kummenti tagħhom.

**43.5.7 Re-Issuing of Tender -KLMT 03-2022- Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nħadem it-tender ta' Provision of General Architectural Services, u ntbagħat l-ewwel draft lil-Kunsilliera għal-kummenti tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti biex jibgħatu l-kummenti tagħhom.

**43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**43.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 125.

Il-Viċi Sindku nforma lil membri preżenti li għalkemm m'għandux x'jaqsam mal każ, hemm pagament relatat ma *claims* li jiġi minnu, u lest li jastjeni milli jiffirma. Il-membri preżenti nformaw lil-Viċi li jista' jiffirma għax dan kien każ li nqata' mil-qorti, apparti min hekk hu ma jiffurmax parti mil-*claims committee.*

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 26 ta' Jannar 2022 sat-23 ta' Frar 2022.

**43.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**43.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**43.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta' Jannar 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**43.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:55 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal 5 ta' April 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 23 ta' Frar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |